MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 21/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Accarino**

**Vs**

**Alfred Accarino u John Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex l-istess Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-6 ta' Jannar 1999 fil-limiti tal-Floriana waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. GVN 219, b'mod negligenti,

imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru XXS 001 propjeta' ta' assikurat tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u erba' u sittin Lira Maltin (Lm 864.00) jew somma ohra verjuri, okkorendoci bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (Lm 20.00), ta' Ittra Ufficjali tas-6 ta' Awissu 1998 kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 14 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo stante illi dan sehh unikament tort ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, Alfred Accarino.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat dak verbalizzat a fol 17 tal-atti dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata fl-avviz konness numru 725/00 JAB.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi PS130 Ivan Cilia (fol 14,35 u fol 45 tal-istess atti) li nvestigaw dan il-kaz, xehed illi, f'din il-kollizjoni, kien hemm involuti zewg vetturi dik bin-numru GVN 219 misjuqa mill-konvenut u l-ohra bin-numru XXS 001

misjuqa minn bin l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine, Silvio Accarino. L-istess xhud ghamel skizz skalat esebit a fol 22 ibid kif ukoll irrediga rapport li wkoll gie esebit a fol 7 et seq ibid. Minn fuq l-istess skizz jidher li l-konvenut kien hiereg mit-triq fejn hemm indikat is-sinjal ta' "Stop" waqt li Silvio Accarino kien f'triq fejn ma kienx hemm indikat dan is-sinjal. Sussegwentement pero, l-istess xhud gie riprodott in kontro-ezami u hu qal li kien ikkorrega dan l-iskizz "...ghax kont hallejt "junction box" barra" cjoe kien naqas milli juri fuqu "...dawk is-sinjali fuq it-triq konsistenti f'kaxxi sofor". Dan jidher mill-iskizz kif korrett, esebit a fol 47. Din ix-xhieda trid tigi abbinata ma' dik ta' Kenneth Brincat (fol 89 et seq ibid) li gie prodott sabiex jixhed dwar sinjali tat-traffiku fil-lokalita' in kwistjoni, bid-data tal-incident cjoe' fis-6 ta' Jannar, 1999. Filfatt skont l-istess xhud, is-Segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Furjana, kien irrisulta mill-inventarju tal-istess sinjali datata it-30 ta' April, 1999 "...kien (hemm) sinjali ta' "Stop" kemm fi Triq Sarria kantuniera ma' Triq l-Assedju l-Kbir. Kien hemm ukoll "Stop Sign" fl-oppost jigifieri fi Triq l-Assedju l-Kbir ghal go Triq Sarria" dejjem mal-art.

**Ikkunsidrat**

Illi Silvio Accarino kif verbalizzat fl-imsemmi rapport tal-Pulizija kien ddikjara, semplicement, illi kien qed isuq fi Triq Sarria mill-Furjana lejn il-Belt Valletta meta l-vettura l-ohra "...suddenly came from Great Seige Road". Inoltre xehed (ara l-affidavit a fol 45 u fol 49 et seq ibid) hu qal li kien qed jsuq ma' genb il-fosos tal-gnien (tal-Mall) fuq ix-xellug tieghu sejjer fid-direzzjoni tal-funtana fil-Furjana. F'tarf it-triq kien hemm sinjal ta' "Stop" b'imsemmija kaxxi sofor quddiem dan is-sinjal. Meta wasal mal-istess sinjal ta' "Stop" hu waqaf sabiex jesplora t-triq fuq il-lemin tieghu u hawnhekk kien ra karozzi fil-boghod gejjin mid-direzzjoni tal-monument tal-Gwerra. Inoltre f'din l-ahhar triq kien hemm ukoll sinjal ta' "Stop". Ghalhekk, u peress li hu kellu "... d-dritta billi traffiku gej minn naha tal-War Memorial"... kellu jcedi ghat-traffiku ... gej min-naha tax-xellug", hu saq il-quddiem. Izda kif wasal f'nofs il-kaxxi sofor hu hass daqqa fuq il-genb tal-lemni, fuq il-"mudguard" ta' wara u fuq il-bieba. Minhabba l-qawwa

tad-daqqa, il-vettura misjuqa minnu daret 180 degrees u ghalhekk spiccat thares fl-istess direzzjoni minn fejn kien gej (ara wkoll l-“affidavit” ta’ Patricia Stafrace li kienet passiggiera ma’ Silvio Accarino.)

**Ikkunsidrat**

Illi l-konvenut (fol 74 et seq ibid) kkonferma li kien gej mid-direzzjoni tal-imsemmi Monument u jsuq fuq Triq l-Assedju l-Kbir. Vicin monument iehor, dak tal-Indipendenza, kien waqaf fejn hemm strixxi pedinali sabiex jaqsmu n-nies. Kif qasmu dawn l-istrixxi, sab il-kaxxi sofor imsemmija u hawn ntlaqat mill-vettura l-ohra hierga minn Triq Sarria. Hu sahaq li fuq it-triq minn fejn kien qed jsuq, ma kienx hemm sinjal ta’ “Stop”. Mal-lemin, fl-istess vettura, kien hemm passiggiera Gwenith Calleja (fol 80 u fol 81 ibid) izda din qalet dwar din l-“Stop sign” li “kien hemm “Stop sign” immedjatament wara z-“zebra crossing”... Anzi dwar din l-“Stop Sign”, ma nafx jekk kienx hemm...”.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jihder mill-premess, hemm kontestazzjo ni dwar jekk, fid-data tal-incident, kienx hemm sinjal ta’ “Stop” f’Triq l-Assedju l-Kbir. Dwar dan il-punt krucjali ghandu jigi rilevat illi:

a. Filfatt hemm sinjal ta’ “Stop” minn fejn kien gej il-konvenut, mid-direzzjoni tal-“War Memorial” (ara fol 47 ibid).

b. Avolja fl-istess skizz ma jidhirx li hemm l-istess sinjal fuq Triq Sarria, l-istess Silvio Accarino xehed li dan is-sinjal kien hemm ukoll fi Triq Sarria.

c. Minn dan jidher li f’dan l-inkrocju kien hemm dan is-sinjal fuq iz-zewg toroq, kontrarjament ghal dak li qal l-istess fizzjal tal-Pulizija a fol 14.

d. Din is-sitwazzjoni hi pjuttost stramba u anomala peress li kien jkun logiku illi sinjal ta' "stop" jkun impingi fuq wahda mit-toroq li kif di gja nghad, jinkrocjaw lil xulxin.

e. Dan, premess, trattasi ghalhekk ta' zewg toroq importanza ugwali, kellu jkollu l-precedenza s-sewwieq fuq ix-xellug cjioe Silvio Accarino, kif sostna tajjeb fix-xhieda b'"affidavit" sottomessa minnu. Ghalhekk il-konvenut kien obbligat li jesplora sew it-triq fuq ix-xellug tieghu sabiex jara li ma kienx hemm traffiku, qed jinsab fuq din in-naha, liema prekawzjoni ma jidhirx li ttiehdet minnu.

Illi tenut kont li ma rrisultax li Silvio Accarino kien, b'mod negligenti fis-sewqan, ir-responsabbilita ghal dan l-incident ghandha tigi akkolta "in toto" lill-istess konvenut.

**Ikkunsidrat**

Illi b'nota a fol 37 ibid, is-socjeta' attrici nomine esebiet diversi dokumenti in sostenn tal-"quantum" ta' danni pretizi minnha u li hu rrisanat "in toto" lil Alfred Accarino. Dwar dan il-"quantum" pretiz ma saret l-ebda kontestazzjoni u ghalhekk l-ammont pretiz ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:-

a. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli tal-incident awtomobilistiku in esami minhabba li kien qed jsuq il-vettura GVN219 b'mod negligenti, impurdenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru XXS 001 propjeta' ta' assikurat tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

b. Tiddikjara l-ammont ta' danni fis-somma ta' tmin mija erbgha u sittin Liri Maltin (LM864) ossija elfejn u tnax-il ewro tmienja u hamsin centezmu (€2012.58).

Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' tmin mija erbgha u sittin Liri Maltin

(LM864) ossija elfejn u tnax-il ewro tmienja u hamsin centezmu (€2012.58) bl-imghax legali mid-data tallum stess peress li trattasi ta’ ammont “da liquidarsi” u ma hemmx id-data tan-notifika tal-avviz lill-konvenut, sad-data tal-pagament effettiv.  In rigward l-ispejjes dawn jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------